MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 558/2013

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Krystle Grixti**
**ID 607283(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Settembru, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin ewro (€385) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoi bl-akkont numru A/C40158410 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi 'l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta 'n subizzjoni.

Il-konvenuta pprezentat risposta fit-22 ta' Novembru, 2013fejn eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante;

Illi l-ammont mitlub fuq kont numru A/C40158410thallas fl-intier tieghu mill-konvenuta.

Wara li t-Tribunal semghet it-Tribunala li spjegat illi hija kienet hallset il-kont pendenti taghha pero' waqfet is-servizz. Jidher illi t-talba tas-socjeta' attriic hija bbazata fuq fee peress illi gie terminat agreement qabel iz-zmien.

It-Tribunal ghal din ir-ragun jilqa' it-talba attrici u jikkundana lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin ewro (€385) bl-imghax legali  mid-data tas-sentenza.

Il-kawza tibqa' bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------